**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 076/2017**

**BL (l-ilmentatur)**

**vs**

***Bank of Valletta p.l.c.* (C2833)**

**(*BOV*, il-Bank, il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 t'Ottubru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jishaq li fl-24 ta' Jannar 2017, sar jaf li kien ser jircievi l-ammont ta'€269,553.85, go kont bankarju li kien bil-munita Dollaru Awstraljan.

Mar il-Bank mill-ewwel u staqsa ghall-ghajnuna. Meta sab li l-flus kellhom jergghu jinqalbu f'*AUD,* sar jaf li t-telf kien ser ikun kbir ghal madwar ghaxart elef *AUD*.

Hu talab biex il-Bank iwaqqaf it-trasferiment u l-bdil tal-flus jew, jekk jista', jaghmel xi haga ohra biex ma jsofrux dan it-telf tal-flus. Il-haddiema li kellem qaltlu li ma tistax u, fi zmien xi tlett ijiem ohra, l-flus jidhlu fil-kont tieghu fid-Dollaru Awstraljan.

Dakinhar stess filghaxija cempel lill-*Customer Care* tal-Bank. Il-haddiema tal-Bank qalulu biex imur filghodu u jghidilhom halli jwaqqfu l-flus milli jigu depozitati. Qaltlu wkoll li f'kazi bhal dawn, fejn ikun hemm ammonti kbar, gieli jwaqqfu d-depozitu.

Mar l-ghada, fil-25 ta' Jannar 2017, u qal lill-Bank biex iwaqqaf it-trasferiment u tibdil tal-flus imma l-Bank qallu li l-flus kienu digà dahlu fil-kont fil-munita Awstraljana

B'hekk garrab telf fil-kambju ta' *AUD* 10K.

Hawnhekk l-ilmentatur hass li l-Bank ma kienx mexa tajjeb mieghu kif jaghmel is-soltu ma' klijenti ohra fl-istess cirkostanzi.

Fit-30 ta' Jannar 2017, tkellem mal-*Manager* li qallu li ahjar jikteb lill-*Customer Care* u f'kazi bhal dawn it-trasferiment u t-tibdil tal-flus setghu twaqqfu facilment billi jidhlu f'kont bil-munita Ewro u b'hekk ma jkunx hemm telf ta' flus.

Ir-rapprezentanta tal-Bank qaltlu li ma kienx jista' jitwaqqaf it-trasferiment u t-tibdil tal-flus, kontra dak li qalilhom il-*Manager* u l-*Customer Care*.

L-ilmentatur qed jitlob li jinghata d-differenza li tilef fil-kambju mill-Ewro ghad-Dollari Awstraljani fl-ammont ta' €8,539.75.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

(1) Illi t-talba attrici hija mill-bidu nett irrita, nulla u inammssibbli legalment stante li hija bbazata fuq l-anti guridiku. L-ilmentatur ippretenda illi l-Bank jikser l-obbligi tieghu ta' mandatarju tal-Bank esteru u jagixxi diversament mill-mod kif gie ordnat jesegwixxi l-mandat u cioè li jircievi somma ta' flus fil-munita Ewro, jikkonverti l-istess somma fil-munita Awstraljana u jiddepozita tali somma ta' flus konvertita f'munita Awstraljana gewwa kont specifiku numru 40023913532 f'isem BL, denominat fil-munita Awstraljana u ghalhekk mill-bidu nett, it-talbiet tal-ilmentatur ghandhom jigu michuda;

(2) Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, hekk kif l-ilmentatur avvicina lill-Bank bix-xewqat tieghu, huwa gie mgharraf li l-Bank ma jistax jikser il-mandat illi inghata mill-*Commonwealth Bank of Australia* u li biex jinbidel xi modalità f'dan il-pagament f'tali mandat, dan seta' jinbidel biss mill-principal tal-Bank esponent u cioè l-*Commonwealth Bank of Australia* wara naturalment li dan il-Bank Awstraljan ikun tkellem mal-klijent tieghu esteru. L-ilmentatur, minflok ma ha dan il-parir u kkomunika mal-persuna

li originarjament tat l-istruzzjonijiet lill- *Commonwealth Bank of Australia* biex tibdel tali struzzjonijiet, qaghad jigri minn post ghall-iehor gewwa Malta u jipprova jiskandalja jekk huwiex possibbli li Bank jibdel il-mod tal-pagament. Fl-umli sottomissjoni tal-esponenti, ta' dan l-agir jista' jahti biss l-ilmentatur u mhux il-Bank esponent;

(3) Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-Bank esponent ma kellu l-ebda xelta legalment ghajr li jsegwi *ad unguem* l-istruzzjonijiet u cioè il-mandat kif moghti lilu mill-*Commonwealth Bank of Australia* kif effettivament ghamel. Il-Bank kien ikun qed jagixxi hazin u b'mod skorrett li kieku azzarda jiehu xi struzzjonijiet godda mill-ilmentatur u jibdel xi haga mill-mod ta' kif kellu jesegwixxi l-mandat moghti lilu. Il-Bank invece agixxa tempestivament fit-termini precizi tal-mandat u fl-24 ta' Jannar 2017, hekk kif ircieva l-ordni ta' pagament permezz tal-i*SWIFT* li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dok. 'BOV 01', ikkonverta l-Euro f'munita Awstraljana u ikkredita l-kont preciz indikat lilu fl-istess mandat. L-Artikolu 1864 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet – jaghmilha cara infatti illi "*il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat";*

(4) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, huwa car u ovvju illi l-kont numru MT10VALL220130000000+++++++++532 f'isem BL, ______________________________, Malta, indikat hdejn in-numru 59 tal-messagg bl-i*SWIFT* huma dettalji li bilfors kienu pprovduti mill-istess ilmentatur lill-persuna Awstraljana li baghtet il-flus u, ghalhekk, jekk l-ilmentatur sofra telf minhabba bdil fil-kambju minhabba l-konverzjoni bejn munita u ohra, dan kien unikament u kawza tal-agir tieghu stess jew tal-persuna li qabbad biex jinforma lill-Awstraljan biex jibghat il-flus f'tali kont u ghalhekk *imputet sibi*. Jigi umilment sottomess illi jekk kif qed jigi sottomess, l-ilmentatur ghamel dan l-izball, ma jistax jaddossa l-htija ta' dan l-izball li kkreja huwa stess fuq il-Bank esponenti;

(5) Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ghandu jirrizulta pjenament li s-somma versata bil-mandat, ghalkemm kien hemm qbil li ghandha tigi depozitata fil-kont fuq imsemmi, ma kinetx tappartjeni biss lill-ilmentatur, BL, imma kienet provenjenti mill-eredità ta' XXX, li l-eredi tieghu huma l-genituri ta' XXXX, l-ilmentatur u oht l-ilmentatur, u allura it-talba maghmula mill-ilmentatur hija eccessiva ghaliex qed jitlob it-telf fit-

tibdil tal-kambju tas-somma kollha fl-eredità li ma kinetx tappartjeni kollha lilu;

(6) Illi l-esponenti *Bank of Valletta p.l.c.* tixtieq umilment titlob illi tinghata l-opportunità li tressaq xhieda u taghmel sottomissjonijiet kemm orali kif ukoll bil-miktub a tenur tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tispjega ahjar il-premess waqt l-udjenza quddiem is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru.

Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti, filwaqt li tirriserva kull rimedju ghal kull azzjoni spettanti lilha skont il-ligi, tissottometti umilment li l-ilment tal-ilmentatur ghandu jigi respint u t-talbiet tieghu ghandhom jigu kollha michuda, bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur.

**Sema' x-xhieda**

**Ra d-dokumenti esebiti**

**Jikkonsidra**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

L-Arbitru ghandu quddiemu zewg verzjonijiet. Il-verzjoni li qed jaghti l-ilmentatur hija fis-sens li meta sar jaf li kienu ser jigu ttrasferiti flus mill-Awstralja bhala wirt minn huh, XXX, huwa sar jaf li l-flus li halla kienu fil-munita Ewro u li kienu ser jigu Malta tramite l-*Bank of Valletta p.l.c.*fil-kont tieghu fil-munita Awstraljana. U peress li kien ser ikun hemm telf sostanzjali minhabba l-kambju mill-Ewro ghall-munita Awstraljana, hu ried li jzomm dan it-trasferiment u talab l-ghajnuna tal-Bank f'dan ir-rigward.

Jghid li kien hemm impjegati li qalulu li ma setax jieqaf it-*transfer* li kien gej minn bank barrani u kien hemm min qallu, fosthom il-*Manager* u haddiema tal-*Customer Care* tal-Bank, li f'kazi bhal dawn il-flus setghu twaqqfu u ma jinqalbux fid-Dollaru Awstraljan.

[1] Kap. 555, Art 19(3)(b)

Izda, meta xehed XXXX (li kien jassisti lill-ilmentatur peress li omm XXXX kienet ukoll ereditarja ta' huha XXX), dan spjega l-pozizzjoni hekk:

*'Jien kont ikkuntattjajt kumpanija Purcell & Purcell biex tehodli hsieb it-trasferiment tal-flus. Konna mlejna karta ghall-Commonwealth Bank of Australia, u fosthom konna pprezentajna Authorisation to Release Assets lill-Commonwealth Bank of Australia u notification li l-persuna kienet mietet u ghaddejna d-dokumenti wkoll lill-avukat l-Awstralja.*

*Purcell & Purcell ipprocessaw kollox u bdew il-process biex jibaghtu l-flus fejn konna tajnihom account details tal-BOV ta' BL, li dan il-kont kien fl-Australian Dollars.*

*Fl-24 ta' Jannar 2017, ahna sirna nafu minghand Purcell & Purcell li l-flus kienu se jigu trasferiti lejn Malta. Dakinhar stess sirna nafu li kienu Euros minn telefonata minn Purcell & Purcell. Ahna informajna lil Purcell & Purcell li dawn kellhom jigu trasferiti fil-kont ta' BL f'Australian Dollars.*

*Dakinhar stess ahna morna l-BOV f'Hal Qormi, fejn informajnihom li kellha tidhol din is-somma flus mill-Awstralja. Konna nformajnihom li l-flus kienu f'Euros, però kellhom jidhlu f'dan il-kont ta' BL f'Australian Dollars u tlabna l-assistenza taghhom biex naraw kif nistghu naghmlu biex inwaqqu t-trasferiment jew nibdlu l-account.*

*Il-persuna li qdietna minn wara d-desk qaltilna li dawk il-flus ma setghux iwaqqfuhom u within 3 days se jkunu fl-account maqlubin minn Euros f'Australian Dollars; u t-telf minhabba l-kambju kellu jkun ta' xi AUSD10,000.*

*Jien nghid li kemm zijuwi u kemm jien ma ahniex bankiera u ghall-mument ahna qghadna fuq li qalulna l-branch ta' Hal Qormi. Fl-ghaxija, cempilna lill-Customer Care tal-Bank biex niccekkjaw ghall-ghajnuna u spjegajnilhom kollox.*

*Tal-Customer Care qaltilna li l-flus setghu jitwaqqfu u l-ahjar li l-ghada mmorru l-Branch ta' Hal Qormi u nghidulhom biex iwaqqfu t-trasferiment ghax din kienet haga li regolarment jaghmluha, u, ghalhekk, setghu jaghmluha. L-ghada morna l-Branch ta' Hal Qormi u nfurmawna li l-flus kienu digà dahlu fil-kont ta' BL u li minn Euros kienu qalbuhom f'Australian Dollars.'*[2]

[2] A Fol 46

Min-naha tal-provditur tas-servizz xehed DD, il-*Head* tal-*Business Section* tal-*Branch* ta' Hal Qormi tal-*BOV,* fejn spjega:

'*Nghid illi milli ghadni niftakar is-Sur BL kellhom xi wirt l-Awstralja, xi pagament mill-Awstralja dwar dan il-wirt, u sirt naf aktar tard li gie jiccekkja ma' wahda mir-Relationship Officers jekk il-flus kinux dahlu fil-kont jew le taz-ziju tieghu, il-flus li gew mill-wirt taz-ziju tieghu.*

*Wara li kienu qalulu li l-flus ghadhom ma dahlux, gie jkellem lili. Qalli li kellu ziju li miet l-Awstralja u li kienu qabbdu lil Purcell & Purcell, kumpanija l-Awstralja, biex taghmel it-transfer skont l-istruzzjonijiet li l-werrieta jkunu taw lill-kumpanija li qabbdu, f'dan il-kaz, Purcell & Purcell.*

*U jien spjegajtlu l-fatti kif jigru, u spjegajtlu li dawn il-pagamenti ma narawhomx jidhlu. Huma jidhlu b'mod elettroniku. Jigifieri bhala Bank ma ghandniex kontroll effettiv u, galadarba t-transfer isir, ikun dahal. U dawn jidhlu anke mijiet fis-siegha. Dawn hemm sistema li jghaddu minn computer ghall-iehor u jidhlu fis-sistema taghna awtomatikament, jigifieri kontroll individwali fuq kull pagament m'ghandniex.*

*L-istruzzjonijiet li jaghtina l-correspondent bank taghna, f'dan il-kaz l-Awstralja, ahna, bhala bank, inkunu rridu nobduhom strettament u l-correspondent bank jrid jimxi mal-instructions li jkunu tawh il-klijenti; jigifieri l-beneficiary bank, li jkun qieghed hemm biex igib il-flus tal-beneficjarju, jrid jimxi mal-instructions tal-correspondent bank.*

*Biex jinbidlu xi affarijiet irid ikun hemm struzzjonijiet ad hoc mill-klijent innifsu lill-correspondent bank u jsiru l-bidliet necessarji, però, dejjem fuq l-istruzzjonijiet tal-correspondent bank.*

*Dan ukoll isir bil-maqlub, jigifieri jekk klijent jigi hawn Malta ghandna biex jibghat flus barra, ahna niehdu l-istruzzjonijiet minghandu u nibghatu l-flus barra u, f'dan il-kaz niftiehmu r-rata tal-kambju, niftiehmu kollox. U min ikun tana dawn l-istruzzjonijiet, irid jiffirma fuq id-dokument li jkun fih id-dettalji kollha.*

*Fil-kaz tas-Sur BL sar dan il-process li ghadni kif spjegajt, jigifieri li ahna nimxu fuq l-istruzzjonijiet tal-klijent, ikun sar l-istess haga min-naha l-ohra, f'dan il-kaz, il-bank tal-Awstralja.*

*Ahna ghandna l-obbligu li nimxu mal-istruzzjonijiet li nircievu; f'dan il-kaz, imxejna hekk ukoll u bilfors ghax is-sistema hija, kif spjegajt, awtomatika u tahdem ghal kulhadd l-istess.*

*Il-flus minn barra, fil-kaz tas-Sur BL, gew fl-ewro u l-istruzzjonijiet kienu biex jidhlu f'kont denominat f'Australian Dollars u l-Bank hekk ghamel, u r-rata tal-kambju kienet ta' meta dahal il-pagament gol-kont, meta rcevejnih mill-Awstralja.*

*B'referenza ghad-dokument BOV 01 a fol 34 tal-process, nghid illi l-banek jikkorrespondu bejniethom bis-sistema tas-SWIFT. U, permezz tas-sistema SWIFT, tkun taf ezattament min qed jibghatlek it-tranzazzjoni.*

*U s-SWIFT ukoll ghandu l-verzjonijiet tieghu; meta jkun xi kont personali jintuzaw l-MT103. U dan li hawn a fol 34, hu l-messagg attwali li ntbaghat mill-Commonwealth Bank of Australia Sydney u receiver hu l-BOV St Venera. Hemm id-data tal-24 ta' Jannar 2017, u l-currency tidher bhala ewro u l-ammont ta' €269,553.85. Fil-50K hemm min tah l-ordni li, f'dan il-kaz, hu Purcell & Purcell.*

*Fil-59 hemm min hu l-beneficiary owner, li hu BL ta' 61 St Raphael Street, Qormi; li hemm ukoll qabel l-isem ta' BL in-numru tal-kont, l-IBAN No. li jappartjeni ghall-kont ta' BL.*

*Fis-70 hemm ukoll id-deskrizzjoni, li f'dan il-kaz, hu estate of XXX. U fis-71A hemm miktub li c-charges huma ghall-beneficjarju.*

*Qed nesebixxi dokument immarkat bhala ND1 li jivverifika li l-IBAN No. li hemm fuq dokument BOV 01 u l-isem jaqblu mal-kont tas-Sur BL.*

*Meta l-Bank jigi iffaccjat b'dawn l-istruzzjonijiet, ma ghandux triq ohra hlief li jimxi maghhom.'*[3]

ZZZ kellha l-kariga ta' *Relationship Officer* tal-*BOV* f'Hal Qormi u xehdet li l-ilmentatur u XXXX kienu qalulha li kienu qed jistennew xi pagament minn barra u staqsewha jekk dahalx. Hija dahlet fuq is-sistema taghhom tal-*computer* u rat li ma kienx dahal u spjegatilhom li jistghu jghaddu xi jumejn biex jidhol. Qalulha

[3] A Fol 63 et seq

li kellhom jiccekkjaw ma' min kellu jibghat il-pagament u ma kellmuhiex fuq affarijiet ohra.[4]

Imbaghad, CD, li kienet ukoll *Relationship Officer* Hal Qormi u l-ilmentatur qal li lilha kien kellem l-aktar, xehdet hekk:

*'Fl-24 ta' Jannar tal-2017, gie s-Sinjur quddiemi. Nghid li kien kellimni BL, però, x'aktarx li kien hemm ukoll persuna li illum hi prezenti mieghu. Kif naghmel dejjem, iccekkjajt fuq is-sistema tal-Bank u tkellimt mal-Payment Section taghna dwar dak li kienu qed jghiduli l-ilmentatur u l-persuna li giet mieghu. Però, ma ghadnix niftakar lil min kellimt x'qaluli.*

*Nghid li record ta' dak li gara ma ghandix ghax kien sar kollox bit-telefon. Nghid li kellmuni fuq il-pagament li kellhom jircievu mill-Awstralja. Qaluli li kellu jidhol pagament li kien gie kkonvertit hemmhekk mill-Australian Dollar ghall-Ewro u kellu jidhol fil-kont tal-Australian Dollar ta' Mr BL li kien mal-BOV.*

*Jien jidhirli li meta kienu gew quddiemi l-pagament kien ghadu ma dahalx.*

*Jiena, kif ghidt, iccekkjajt mas-sistema ta' profits taghna u minnha kien jidher li l-pagament kien ghadu ma giex. Ma nistax niftakar xi staqsewni u lanqas niftakar x'qaluli n-naha l-ohra, jigifieri l-Payment Section.*

*Nghid li jien barra li kellmuni l-ilmentatur u dak li qieghed mieghu, imbaghad, hadd ma kellimni fuq il-kaz u ma bqajtx involuta. Nghid li bhala Relationship Officer ma kienx ix-xoghol tieghi li naghti parir imma min jistaqsini nirreferi ghas-sezzjoni li tkun taghmel dan it-tip ta' xoghol.*

*Jiena, minn dak iz-zmien 'l hawn, ma niftakarx li qatt regghu kellmuni l-ilmentatur u dak li hemm mieghu.'*[5]

Tonia Parascandolo**,** ghall-*BOV,* ghamlet referenza ghal dak li gara bejn l-ilmentatur u *Purcell and Purcell* li minghandu originaw il-flus tramite l-*Commonwealth Bank of Australia Sydney*:

*'Nirreferi ghad-dokument li hi ittra ta' Purcell & Purcell tas-6 t'April 2017, li giet esebita mill-ilmentatur li jirrizulta li huma kkonfermaw id-dettalji bankarji tal-*

[4] A Fol 67
[5] A Fol 69-70

*kont tal-BOV li kien denominat f'Australian Dollars fejn kienu qed jistennew li jidhlu l-flus.*

*Jidher li f'ittra ohra esebita mill-ilmentatur ta' Purcell & Purcell, datata 22 ta' Mejju 2017, fit-tieni pagna hemm imsemmi:*

*"Upon the funds being transferred to Malta, Mr XXXX telephoned our office on the 24 January 2017 and advised the funds were not AUD, but in Euro. I requested him to return the funds to us in Euro and we would arrange to send him the funds in AUD. This was not done. I expected to discuss the matter with the Commonwealth Bank and cover any expenses incurred."'*[6]

Il-punti saljenti li jirrigwardjaw il-kwistjoni huma li l-ilmentatur qed jghid li l-*BOV* seta' waqqaf it-*transfer* tal-flus u seta' ma qalibhomx f'*Australian Dollars* u, b'hekk, kienu jiffrankaw €8,539.79 li qed jitlob fl-ilment.

Il-Bank jghid li hu kellu jimxi strettament mal-istruzzjonijiet li tah il-bank Awstraljan li kien il-*correspondent bank* li, min-naha tieghu, kien ircieva struzzjonijiet minghand *Purcell and Purcell* li kienu qed jagixxu ghall-ilmentatur u hutu.

Kif anke ammess minn XXXX stess fix-xhieda tieghu, il-flus mertu tal-kwistjoni originaw minn *Purcell and Purcell* fuq struzzjonijiet taghhom li taw struzzjonijiet lill-*Commonwealth Bank of Australia Sydney* biex jittrasferixxi l-ammont li wirtu l-ilmentatur u hutu minghand huhom, XXX. Dawn il-flus kienu fil-munita Ewro izda kellhom jidhlu fil-kont tal-ilmentatur li kellu mal-*Bank of Valletta* fil-munita Dollaru Awstraljan.

Hu xehed:

*'Jien kont ikkuntattjajt kumpanija Purcell & Purcell biex tehodli hsieb it-trasferiment tal-flus. Konna mlejna karta ghall-Commonwealth Bank of Australia, u fosthom konna pprezentajna Authorisation to Release Assets lill-Commonwealth Bank of Australia u notification li l-persuna kienet mietet u ghaddejna d-dokumenti wkoll lill-avukat l-Awstralja.*

[6] A Fol 70

*Purcell & Purcell ipprocessaw kollox u bdew il-process biex jibaghtu l-flus fejn konna tajnihom account details tal-BOV ta' BL, li dan il-kont kien fl-Australian Dollars.'*[7]

Il-mandat li ta l-ilmentatur lil *Purcell and Purcell* kien car, u dawn ittrazmettew dan kollu lill-*Commonwealth Bank of Australia Sydney* li, min-naha taghhom, qaghdu fuq il-mandat li tahom *Purcell and Purcell.* Il-*Bank of Valletta* ircieva l-flus, li m'hemm l-ebda dubju li kellhom jidhlu fil-kont ta' BL, kif intqal lilhom jaghmlu mill-*correspondent bank* u dan kien denominat fid-Dollaru Awstraljan*.*

M'hemm l-ebda dubju li l-*BOV* kien qed jesegwixxi l-ordni li inghatat lilu mill-*correspondent bank* li, kif xehed Norman Darmanin, il-Bank bilfors ried jimxi mal-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-bank esteru.

XXXX jghid li fl-24 ta' Jannar 2017, saru jafu minghand *Purcell and Purcell* li l-flus li kienu ser jigu ttrasferiti kienu fl-Ewro, u infurmaw lil *Purcell and Purcell* li dawn il-flus kellhom jigu *'trasferiti fil-kont ta' BL f'Australian Dollars'.*[8]

Jghid li dakinhar tal-24 ta' Jannar 2017, informa lill-*BOV* biex jara kif jistghu iwaqqfu t-trasferiment jew jibdlu l-*account.*

Izda Danica Mallia qalet li l-unika haga li staqsewha l-ilmentatur u XXXX kienet jekk dahlux xi flus li kienu qed jistennew li jaslu minn barra. Hija qaltilhom li kienu ghadhom ma dahlux. Aktar minn hekk, hadd ma staqsiha xejn aktar.

L-aktar haga oggettiva li wiehed jista' jaghmel hija dik li jhares lejn id-dokumenti.

Ghalhekk l-Arbitru ra d-dokument *BOV 01*[9] li huwa d-dokument li juri kif sar it-trasferiment mill-*Commonwealth Bank of Australia* lill-*BOV*.

Dan id-dokument jindika li t-trasferiment sar fl-24 ta' Jannar 2017, dakinhar stess li l-ilmentatur jghid li mar il-*BOV* biex jara kif jista' jwaqqaf l-istess trasferiment jew li l-flus ma jinqalbux f'*AUD*.

Kif xehed DD, dawn il-flus jidhlu permezz tas-sistema *SWIFT* u, peress li jidhlu mijiet ta' tranzazzjonijiet kuljum, dawn jidhlu b'mod awtomatiku u l-Bank ma jkunx jista' jzommhom. Peress li kien hemm struzzjonijiet li dawn il-flus kellhom

[7] A Fol 46
[8] *Ibid.*
[9] A Fol 34

jidhlu fil-kont ta' BL, li kien denominat fl-*AUD*, allura, l-flus dahlu fil-kont tieghu fl-*AUD*.

Aktar minn dan id-dokument ma jista' jkun hemm xejn aktar oggettiv. Hija prattika bankarja stabbilita li l-bank li jkun ser jircievi l-flus minn bank barrani (il-*correspondent bank*) irid jimxi mal-istruzzjonijiet tieghu ghaliex kieku ma jsirx hekk ma jkunux jistghu isiru l-miljuni ta' tranzazzjonijiet li jsiru bejn il-banek kuljum madwar id-dinja. U huwa wkoll koncess li fid-dinja teknologika tal-lum dan il-volum ta' tranzazzjonijiet ma jistax isir b'mod manwali u kollox huwa komputerizzat.

Ghalhekk l-Arbitru jhoss li huwa ragonevolment mistenni li bank bhall-*BOV* jahdem b'din is-sistema. Li kieku ma jaghmilx hekk, jitlef anke l-kredibilità ma' *correspondent banks* barranin u anke tbati r-relazzjoni ma' dawn il-banek.

L-ilmentatur ihossu aggravat ghaliex, skont hu, it-trasferiment kien ghadu ma sehhx u f'dan ir-rigward hadd ma jlumu ghaliex il-Bank stess kienu qalulu li t-*transfer* kien ghadu ma sehhx.

Imma m'hemmx dubju li t-trasferiment dahal il-*BOV* fl-24 ta' Jannar 2017, fl-istess jum li XXXX jghid li kellem lil *Purcell and Purcell* biex il-flus jibghathom fl-*Australian Dollars* u fl-istess jum li kellem lill-*BOV*.

Jekk wiehed ihares lejn l-ittra tat-22 ta' Mejju 2017, *ta' Purcell and Purcell* jintqal li: '*Upon the Funds being transferred to Malta, Mr XXXX telephoned our office on the 24 January 2017 and advised the funds were not AUD but in Euro….'*[10]

Minn din l-ittra jirrizulta li t-trasferiment kien digà sar meta XXXX kellem lil *Purcell and Purcell*.

L-Arbitru ma jistax isib li l-*BOV* ma mexiex mal-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-*correspondent bank* ghaliex l-istruzzjonijiet f'dokument *BOV 01* huma cari u precizi u l-Bank mexa maghhom.

Barra minn hekk, l-ilmentatur kien digà konvint li kienu *Purcell and Purcell* li naqsuh tant li ha proceduri kontrihom quddiem il-*Victorian Legal Services Commissioner* u bl-intervent ta' dan, il-Kummissarju wasal fi ftehim ma' *Purcell*

[10] A Fol 58

*and Purcell* u accetta s-somma finali ta' $5,000. F'dak l-ilment, XXXX kien tefa' t-tort ghal dak li gara fuq *Purcell and Purcell*.

Fil-fatt, fl-ittra li hu kiteb fl-24 ta' Lulju 2017, lil Mr B[11] hu qalilhom hekk:

'*We called at Purcell office and were informed on phone about the transfer of the Euro transaction. Since the transfer was requested by Purcell and originated by the CBA, they had the option to stop or change such transaction. For this reason on the same telephone call we gave our instructions to Purcell to inform the Commonwealth Bank (CBA) to stop the transfer of money.*

*We still did our intervention on the 24th January at the BOV Bank in Malta to stop the funds but this was not possible. Such a process had to be changed by the CBA and or the sender in this case Purcell office.'*[12]

Imbaghad, fl-ahhar paragrafu tal-istess ittra, jghid bl-aktar mod car ta' min kien it-tort li t-*transfer* ma twaqqafx:

'*The option to stop the transfer was only available to CBA and Purcell as they had full control of the transfer'.*[13]

Dan juri li XXXX, li kien qed jagixxi f'isem l-eredi ta' XXX inkluz l-ilmentatur u li anke assistih quddiem l-Arbitru, tefa' l-htija tat-telf fit-tranzazzjoni tal-kambju fuq *CBA* u *Purcell and Purcell.*

Huwa anke accetta l-hlas ta' $5,000 minghand *Purcell and Purcell* li sa certu punt accetta li kien zbalja.

XXXX stess qal f'din l-ittra li l-unici entitajiet li setghu iwaqqfu dan it-*transfer* kienu *CBA* u *Purcell and Purcell* '*as they had full control of the transfer'.*[14]

Galadarba l-*BOV* ircieva l-istruzzjonijiet cari u precizi mill-*correspondent bank,* kif jidher minn dokument *BOV 01*, ma setax jagixxi mod iehor; u kif fehem l-ilmentatur sew fl-ittra li ghada kif giet ikkwotata, biex il-*BOV* setghu jagixxu b'mod differenti ried ikollhom struzzjonijiet differenti minn *CBA* li, min-naha taghhom, ried ikollhom struzzjonijiet differenti wkoll minn *Purcell and Purcell.*

---

[11] A Fol 55
[12] *Ibid.*
[13] A Fol 56
[14] *Ibid.*

Wara li ftiehem ma' *Purcell and Purcell* u tefa' l-htija fuqhom, kif jidher car minn dak li ghadu kif gie ikkwotat, issa ma jistax idawwar il-kanuni fuq haddiehor biex jigbor il-kumplament ta' dak li hass li tilef, galadarba hu stess ammetta li kienu *Purcell and Purcell* u CBA li kienu '*in control*' u setghu waqqfu t-*transfer*.

L-Arbitru ma jhossx li l-*BOV* naqsu lill-ilmentatur.

Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jhossx li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jichdu.

Minhabba n-natura partikolari ta' dan il-kaz, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**